# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju 2001**

**Numru 3**

**Citaz. numru: 2721/97 M1 NA**

**Marselle Pace**

**vs**

**Joseph Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-27 ta' Novembru 1997 fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici zzewget lill-konvenut b'cerimonja civili fir-Registu gewwa l-Belt Valletta fid-9 ta' Awissu 1997 (Dokument "A");

Illli l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi inoltre l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kontendenti ssimula l-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg;

Illi z-zwieg tal-kontendenti qatt ma gie kkonsumat;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-9 ta' Awissu 1997 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

TALBET li din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-9 ta' Awissu 1997 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Il-konvenut debitament notifikat waqa' kontumaci u ma ghamilx in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu. Lanqas ma deher ghall-ewwel seduta wara li gie notifikat fit-13 ta' Lulju 1999. F'dik is-seduta l-Qorti nnominat lill-Avukat Dottoressa Audrey Demicoli biex tigbor il-provi u tirrelata.

Ir-rapport gie mahluf fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2000, id-difensur ta' l-attrici rremetta ruhu ghar-rapport, il-konvenut rega' ma deherx u l-kawza thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali zammet tlett seduti fejn gabret il-provi u dan apparti mill-provi li gew imressqa b'affidavitsypprezentati b'nota ta' l-attrici tal-21 ta' Ottubru 1999.

Ikkunsidrat:-

Minn ezami ta' dawn il-provi hija waslet ghal-konkluzzjoni illi l-attrici eskludiet iz-zwieg b'mod posittiv u li "*zzewget lill-konvenut mhux ghax riedet tidhol f'rabta ghal dejjem mieghu fiz-zwieg, lanqas biex taqdi l-obbligi taghha fiz-zwieg, izda proprju ghax thassritu.*" Dan il-fatt u fatti ohra minnha kkunsidrati wassluha biex tissottometti illi "*Ghal motivi premessi l-esponenti thoss li z-zwieg tal-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett a bazi tal-fatt li l-kunsens kien vizzjat ai termini tas-sub-inciz (f) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti kif iddikjarat anke f'diversi sentenzi ricenti ma taqbilx ghal kollox mal-paragrafu 15 tal-Konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali illi ma jistax ikollok ragunijiet biex zwieg jigi annullat sew taht is-sub-inciz (d) u sew taht dak (f) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta minkejja illi hija mxiet fuq sentenzi ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, li effettivament hekk ighidu. F'dan il-kaz partikolari din il-Qorti fuq dan il-punt sejra tieqaf hawn ghax dan l-ezercizzju li, fil-kaz prezenti kien ikun wiehed purament akkademiku, gia' sar

minna f'sentenzi ohra fejn kien aktar rilevanti ghall-ezitu tal-kawza.

Dan apparti l-Qorti tikkondividi l-opinjoni moghtija mill-Perit Legali fir-rigward tan-nullita' ta' dan iz-zwieg taht l-Artikolu Artikolu 19 (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Bejn din il-koppja kien hemm differenza kbira hafna fl-eta'. Il-konvenut kien diga' mizzewweg liema zwieg kien ukoll falla u gie annullat. L-attrici kienet tithassar lill-konvenut minhabba l-esperjenzi precedenti tieghu. Accettat biss biex tidhol ghal dan iz-zwieg civili ghax kien l-unika mod kif il-konvenut accetta li b'hekk setghet tiehu l-*break* li dejjem sostniet li riedet fir-relazzjoni taghhom biex tkun tista' tirrefletti serjament fuq l-istess relazzjoni ta' bejniethom. Effettivament hija ma nfurmatx lill-genituri taghha b'dan iz-zwieg u wara t-tieg irritornat id-dar taghhom. Il-*break* minnha mitlub beda l-ghada tat-tieg, il-partijiet qatt ma regghu inghaqdu w iz-zwieg qatt ma gie kkunsmat.

Dawn ir-ragunijiet, in aggiunta ma' dawk moghtija mill-Perit Legali, iwasslu lill-Qorti biex tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-9 ta' Awissu 1997 huwa null u

bla ebda effett legali u dana bl-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.